**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 2/2018CFF**

**Montagno Logistics Limited**
**Vs**
**Allin One Turnkey Services Limited**

**Illum 27 ta' Marzu, 2018**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata li thallas is-somma ta' tmint elef, sitt mija u wiehed u ghoxrin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€8,621.22) liema somma dovuta minnha hija certa, likwida u li ghalqet u li tirraprezenta s-somma dovuta minnha in konnessjoni ma diversi servizzi tal-garr ta' merkanzija rezi lilha mis-socjeta' mittenti fuq diversi okkazjonijiet, kif jirrizulta mill-kopja tal-fatturi relattivi hawn annessi bhala Dok. A u r-rendikont hawn anness bhala Dok. B.

Di piu, kif jidher mill-kopji ta' *cheques* hawn annessi bhala Dok. C, ic-*cheques* mahruga minnha a favur tas-socjeta' mittenti ghall-hlas tas-somma dovuta minnha gew ritornati lis-socjeta' mittenti ("*returned to drawer*") u cioe' kienu bounced *cheques*. Ghaldaqstant, is-somma sufferita baqghet dovuta minnha.

Illi dawn il-fatti diga' gew esposti permezz ta' ittra ufficjali mibghuta a tenur ta Artikolu 166A tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) numru tar-Referenza 2625/2017 izda minkejja diversi tentattivi sabiex din l-ittra tigi notifikata lilha, l-ebda minn dawn it-tentattivi ma rnexxa.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, inkluz dawk tal-ittra ufficjali surreferita sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta in subizzjoni.

Rat li s-socjeta' konvenuta giet notifikata fis-27 ta' Frar, 2018 pero' la dehret u lanqas ipprezentat risposta fis-seduta tal-20 ta' Marzu, 2018.

Rat li fl-istess seduta, is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta.

Rat li fis-seduta sussegwenti tas-27 ta' Marzu, 2018, is-socjeta' konvenuta msejha tlett darbiet regghet naqset li tidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta' attrici ghandha titqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' tmint elef, sitt mija u wiehed u ghoxrin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€8,621.22) lis-socjeta' attrici bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konventa ta' din il-procedura u l-ittra ufficjali numru 2625/2017.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**